31998R1098

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1098/98
tal-25 ta' Mejju 1998
li jintroduċi miżuri temporanji għall-ħops

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħops [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 16a tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 16a tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 jipprovdi li jekk ikun hemm xi fdal, il-Kunsill nominat b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kunsill, jista' jieħu passi xierqa dwar il-potenzjal tal-produzzjoni; billi s-suq fil-ħops fil-preżent għandu l-fdal, għal raġunijiet kemm ta' terminu qasir u kemm dawk strutturali;

Billi l-għan tal-gruppi ta' produtturi huwa li jaġġustaw il-produzzjoni għall-ħtiġijiet tas-suq; billi jistgħu jużaw sa 20 % ta' l-għajnuna fuq miżuri xierqa għal dan il-għan; billi l-iskop għal azzjoni f'dan il-qasam għandha tiġi estiża billi tippermettilhom li jirrikorru għal mistrieħ temporanju u/jew qlugħ permanenti ta' l-uċuħ tar-raba' li fihom huma miżrugħa l-ħops; billi dawn il-miżuri ser ikunu addizzjonali għall-miżuri speċjali elenkati fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament imsemmi hawn fuq;

Billi l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u *marketing* tal-ħops u b'hekk anke l-vijabbilità ekonomika tas-settur huma differenti minn Stat Membru għal ieħor; billi, għal din ir-raġuni, id-deċiżjoni li jiġu applikati jew le l-miżuri speċjali għandha tittieħed fil-livell ta' l-Istat Membru konċernat;

Billi mistrieħ temporanju u/jew qlugħ permanenti ta' l-uċuħ tista' tkun permessa biss jekk jintlaħqu ċerti ħtiġijiet, b'mod partikolari li ma tiġix akkumulata l-għajnuna għal żoni li huma mserrħa temporanjament u obbligazzjoni li jitnaqqsu ż-żoni sas-sena 2002; billi din tinvolvi l-ispejjeż; billi dawn l-ispejjeż, u telf ta' dħul, għandhom jintlaqgħu f'parti b'pagament ta' ammont ugwali lill-għajnuna għal kull ettaru għal perjodu limitat ta' żmien; billi għandha ssir dispożizzjoni għall-għoti temporanju ta' ammont ugwali lill-għajuna mogħtija lil dawn ż-żoni li ma nħasdux tista b'hekk tiġi permessa; billi biex ikun hemm kontroll effettiv, id-daqs minimu taż-żoni li jistgħu jibbenefikaw minn dawn il-miżuri għandha tkun speċifikata;

Billi għar-raġuni ta' kontroll effettiv ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri, ir-risponsabbilitajiet tal-gruppi ta' produtturi u ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jiġu stabiliti, u l-poter ta' l-adottar tar-regolamenti dettaljati ta' l-applikazzjoni għandu jingħata lill-Kummissjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'żieda għall-għanjiet deskritti fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 gruppi tal-produtturi jistgħu wkoll jirrikorru għal mistrieħ temporanju u/jew qlugħ permanenti ta' l-uċuħ tar-raba' bħala mezz ta' aġġustament tal-produzzjoni tagħhom għall-ħtiġijiet tas-suq u li jtejjbuhom.

Artikolu 2

1. Fi Stati Membri li jiddeċiedu li japplikaw il-mistrieħ temporanju u/jew il-qlugħ permanenti, produtturi li għandhom rikors għal dawn il-miżuri jistgħu, mill-ħsad ta' l-1998 sal-ħsad tas-sena 2002, jirċievu ammont ugwali għall-għajnuna fuq iż-żona daqs li kieku kienet miżrugħa, sakemm jassiguraw li ma jestendux il-kultivazzjoni tal-ħops f'żoni oħra ta' l-intraprizà tagħhom. Ma jistgħux jirċievu għajnuna oħra tal-Komunità għal żoni mistrieħa temporanjament.

Iż-żona ta' ħops kultivata għall-ħasda tas-sena 2003 mill-gruppi produtturi li japplikaw il-mistrieħ temporanju u/jew qlugħ permanenti għandha tkun iżgħar minn dik kultivata għall-ħsad ta' l-1997.

2. Gruppi ta'produtturi għandhom jistabilixxu d-daqs tal-ġonta li għaliha tista tiġi mitluba applikazzjoni għall-għajnuna. Dan id-daqs minimu ta' ġonta ma jistax ikun anqas minn 0,3 ettari.

3. Gruppi ta' produtturi jistgħu jindikaw ħtiġijiet speċifiċi addizzjonali li għandhom jintlaqgħu mill-membri tagħhom f'każi ta' mistrieħ temporanju u/jew qlugħ ta' uċuħ.

4. Żoni mistrieħa jew maqlugħin għandhom jiġu mgħarrfa lill-awtoritajiet kompetenti sal-31 ta' Mejju tas-sena tal-ħsad. Għall-ħsad ta' l-1998, din id-data għandha tiġi ndikata sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1998. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaraw li l-ħtiġijiet li ġejjin intlaqgħu:

[1] ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1554/97 (ĠU L 208, tat-2.8.1997, p. 1).

— għal mistrieħ temporanju, manteniment ta' l-arbli tal-ħops,

— għal qlugħ permanenti, it-tneħħija ta' l-arbli tal-ħops,

— jitħalla jikber il-ħaxix b'mod permanenti sabiex titjieb il-fertilità tal-ħamrija.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tadotta r-regolamenti dettaljati sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament b'mod konformi ma' l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-ħsad ta' l-1998 sal-ħsad tas-sena 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Brussel, il-25 ta' Mejju, 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

J. CUNNINGHAM